


# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sittax-il Parti )*

## *IL-PRODUZZJONI TAL-MELĦ*

**Fil-gżira ċkejkna ta' Għawdex minbarra diversi tipi ta' blat li jagħtuna ġebel differenti, it-tafal li jerfgħalna l-ħażna ta' l-ilma, il-ħamrija li tkabbar l-uċuħ u s-siġar tal-frott, għandna wkoll il-baħar li jagħtina l-melħ. Imma l-melħ hu prodott komuni u f'ċerti pajjiżi jista' jinkiseb bl-irħis mill-minjieri. Għarem ta' melħ jinsabu fin-nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet magħruf ukoll bħala Baħar il-Lhud, fejn il-mara ta' Lot saret statwa tal-melħ. It-Turkija hemm saħansitra għadira tal-melħ f'nofs l-inħawi ta' Anatolja.**

**Il-gżira ċkejkna tagħna ta' Għawdex tipproduċi wkoll il-melħ, dari fi kwantitajiet akbar mil-lum. L-idea ta' kif jittieħed il-melħ mill-baħar għandna mnejn tgħallimnieha mill-istess natura. Fl-inħawi tad-Dwejra u tax-Xlendi nsibu ħofor ċatti mħaffrin b'mod naturali li jimtlew bl-ilma baħar meta l-mewġ ikun iħabbat bil-qawwi mal-blat. Imbagħad l-ilma jinxef bix-xemx u f'qiegħ il-ħofra jibqa' ż-żlieġa bajda tal-melħ. Minn hawn għandhom imnejn l-ewwel bnedmin ħadu l-idea li jħaffru s-salini fuq wiċċ il-blat tal-franka biex jimlewhom bl-ilma baħar ħalli jieħdu l-melħ.**



***Is-salini tal-melħ***

Minn dawn is-salini nsibu l-aktar fl-inħawi tal-Qbajjar, iż-żewġ naħat tal-bajja, fl-inħawi tax-Xwejni u l-kosta li tieħu lejn Wied il-Għasri, u s-Salina leġġendarja ta' l-Arluġġar, li ħafna minnha m'hix tajba għax il-blat kien puruż iżżejjed. Kien hemm salina Għar Qawqla u salina oħra jew mellieħa tinsab lejn l-inħawi tax-Xlendi. Hemm oħra fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini u mhux bogħod wisq mix-Xatt l-Aħmar. L-aħħar salina li se nsemmu tinsab taħt il-Qala, sewwa sew faċċata tal-Ġebla tal-Ħalfa. Dwar il-purużità fil-blat, tajjeb li jingħad li l-blat tal-gżejjer Maltin hu kollu puruż. Għalhekk salina jew mellieħa ma tkunx tajba wisq qabel ma trabbi ż-żlieġa jew l-iskorċa li żżomm l-ilma milli jibqa' jinxtorob fil-blat.

Il-melħ minn dejjem kien preġjuż u fl-antik kien isir il-ħlas bih għax ma jeħżienx, u sakemm ma jinħallx jibqa' tajjeb. Il-kelma salarju, li tfisser paga, ġejja mill-kelma Latina '*sal, salis*', li tfisser melħ. Fl-imgħoddi l-melħ kien prerogattiva tal-Gvern. Għalhekk dawn is-salini kienu jingħataw b'ċens jew kera mill-Gvern b'kundizzjoni li min jieħu l-art irid jirranġahom, iħaffirhom jekk ikun se jżid u jieħu ħsiebhom billi jżommhom fi stat tajjeb.

**Is-salina jew mellieħa jkollha żewġ tipi ta' ħofor jew skandlori. Ħafna skandlori jkunu żgħar, u f'dawn l-ilma baħar jevapora u jsir melħ. Fil-qrib ikun hemm ukoll skandlora kbira fejn l-ilma baħar jittella' għal ġo fiha u jħalluh jevapora hemm qabel ma jqassmuh fl-iskandlori ż-żgħar jew isaqquhom. Dari l-ilma baħar kienu jtellgħuh bil-barmil, illum jużaw il-mutur. Dik ta' Wied il-Għasri saħansitra kellha sienja li kienet ittella' l-ilma baħar bid-dawrien tal-bagħal li kien idawwar is-sienja, mbagħad l-ilma jaqleb waħdu lejn l-iskandlora l-kbira u anki għaż-żgħar.**



### *Kif isir il-melħ*

Il-melħ isir aktar malajr fl-inxufa u fir-riħ fuq. Il-melħ li jsir fir-riħ fuq huwa isbaħ minn dak li jsir fir-riħ isfel. Dak li jsir fir-riħ fuq isir qxur qxur filwaqt li dak tar-riħ isfel ikun imfarrak. Fil-bidu tas-sajf inaddfu sewwa s-salini u mbagħad jimlewhom meta x-xemx tieħu sewwa. Fir-riħ isfel u ħafna nida u umdità, ix-xogħol tal-melħ jista' jisfratta kollu. **Meta jinxef il-melħ jikinsuh u jgeddsuh b'imselħa jew xkupa apposta, gozz żgħir ġo kull skandlora. Imbagħad jiġbruh f'gozz kbir u jħalluh jinxef ftit ieħor. Fl-aħħar, u jekk tkun riesqa xi maltempata, jdaħħluh fil-għar. Dan il-għar fil-qiegħ ikollu kanal biex minnu jissaffa l-ilma tas-salmura.**

### *Kif jinbiegħ il-melħ*

Il-melħ jinbiegħ bil-kejl skont il-bżonnijiet ta' dak li jkun: l-aktar bit-tomna u bis-siegħ. Għal dar normali siegħ jew sigħajn melħ kienu biżżejjed u jservu sena. Djar oħra fejn kienu jippreservaw il-ħut u l-laħam tal-majjal, allura kienu jixtru tomna jew tnejn. Ħafna melħ dari kien jinxtara wkoll mill-bdiewa li kienu jagħmlu l-ġbejniet, iqaddu t-tadam u għas-salmura taż-żebbuġ u tal-kappar. Hawn ta' min igħid ukoll li l-melħ jintuża' wkoll miż-żebbiegħa tad-drappijiet, dawk li dari fid-dokumenti kienu jissejħu **tintori**. Iż-żebbiegħa kienu jieħdu l-melħ il-maħmuġ, li kien jitħammeġ b'xi maltempata tat-trab, li kien jinbiegħ bir-rħis. Tal-melħ jaqbillu għax ma jarmi xejn, u ż-żebbiegħa jaqblilhom għax jeħduh bir-rħis. Waqt l-użu, t-trab u r-ramel li bih kien ikun maħmuġ il-melħ jinżel fil-qiegħ u ż-żebbiegħ juża l-ilma mielaħ safi li jkun hemm fil-wiċċ. Minn dan naraw li dari l-melħ kellu wisq aktar importanza mil-lum għall-ħajja ta' kuljum tal-poplu Għawdxi.

Illum il-melħ jiġi ppakkjat bil-magna fil-boroż tal-plastik. L-eżiġenzi tal-ħwienet il-kbar u s-*supermarkets* jitolbu wkoll li fuq il-borża jkun hemm il-*barcode*. **Ħafna nisa Għawdxin jemmnu li l-melħ ta' Għawdex hu itjeb mill-melħ li jiġi minn barra u jippreferuh għat-tisjir. Jista' jkun li veru. Il-melħ ta' barra jkun melħ komuni pur. Imma l-melħ tal-baħar fih taħlita ta' mlieħ, jiġifieri tipi ta' melħ differenti, li jkun hemm fil-baħar li jagħti palat aħjar.**

*(Ħajr lil Toni Calleja tal-Għasri taż-żidiet li għamilli mal-kitba oriġinali).*




